MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Numru. 256/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRO ZARB**

**KONTRA**

**RAYMOND GIORDIMAINA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Raymond Giordimaina ta' 51 sena, iben Philip u Maria nee' Borg, mwieled Haz- Zebbug (Malta), nhar is- 7 ta' Ottubru 1957, residenti fil- fond 22, Arcadia, Triq Xmun Attard, Zebbug (Malta) u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 708257(M);

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fix- xhur ta' qabel is- 17 ta' Frar 2007 f'dawn il-Gzejjer, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz bi ksur tal- Artikolu 188 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 188 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna skwalifika tal- licenzja ta’ garr u zamma ta’ arma tan- nar ghal sena, ai termini tal-Artikolu 30(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------